# QORTI CIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta’ nhar il-Erbgha 21 t’Ottubru, 2015**

**Rikors Numru : 903/2015JPG**
**Kawza Numru : 15**

**Av. Jean-Pie Gauci Maistre noe**

**VS**

**Damsterdiep Shipping Company Ltd (C 60159)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat ta’ l-Avukat Dr. Jean-Pie Gauci Maistre bhala mandatarju specjali tas-socjeta’ estera in rapprezentanza tal-istess socjeta’ attrici tat-23 ta’ Marzu 2015 li jaqra hekk:

*“l. Illi jiena gejt debitament awtorizzat bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera ai termini ta' prokura specjali - kopja vera hawn annessa u mmarkata bhala Dok GSA18.*

*2. Illi fil-31 ta' Jannar 2014 u fl-l0 ta' Frar 2014 ir-rikorrenti nomine bieghet u debitament ikkonsenjat, lill-bastiment MV ANAGENISI, fuq ordni tas-socjeta' intimata, kwantita' ta' provizzjoni ta' ikel, materjal, provvisti u necessitajiet ghat-thaddim,*

*immaniggar, zamma u manutenzjoni tal-bastiment ghall prezz ta' tmintax-il elf tlett mija tnejn u tletin Dollaru Amerikan u tminja u sittin centezmi ($18.332.68) ekwivalenti Ghal sittax-il elf, seba mija u tnejn u sittin Ewro u seba centezmi (€16.762.07) skont ir-rata tal-kambju tal-4 ta' Settembru 2015 (Kopji tal-fatturi hawn annessi u mmarkati bhala Dok GSA1 sa GSA 17.*

*3. Illi din il-kwantita ta' provizzjoni ta' ikel. materjal, provvisti u necessitajiet ghat-thaddim, immanigar, zamma u manutenzjoni tal-bastiment gew ikkonsenjati lill bastiment ANAGENISI (IMO Nr. 9210701), propjeta' tas-socjeta' intimata, gewwa port f Argentina.*

*4. Illi ghalhekk is-socjeta' intimata ghandha thallas lir-rikorrenti nomine s-somma totali ta' tmintax -il elf tlett mija tnejn u tletin Dollaru Amerikan u tminja u sittin centezmi ($18,332.68) ekwivalenti ghal sittax -il elf, seba mija u tnejn u sittin Ewro u seba centezmi (€16,762.07) skont ir-rata tal-kambju tal 4 ta' Settembru 2015.*

*5. Illi l-pagament kellu jsir immedjatament, izda minkejja illi s-socjeta' intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-imsemmi ammont, hija baqghet inadempjenti.*

*6. Illi s-socjeta' rikorrenti arrestat lill-bastiment ANAGENISI, proprjeta' tas-socjeta' intimata, taht ordni tal-Qorti f Malta, gewwa Dock Numru 7, Albert Town, Marsa.*

*7. Illi 1-ammont dovut favur r-rikorrenti nomine huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-istess rikorrenti nomine jikkonkorru l-elementi kollha taht l-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), peress li fil-fehma tas-socjeta rikorrenti, s-socjeta' intimata m'ghandha l-ebda eccezzjoni valida skont il-ligi xi tressaq kontra t-talbiet tar-rikorrenti nomine.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tghid is-socjeta' intimata, ghaliex dina 1-Onorabbli Qorti m'ghandiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:*

*l. Tiddeciedi din l-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*2. Tiddikjara li s-socjeta' intimata ghandha thallas lir-rikorrenti nomine s-somma ta' tmintax -il elf tlett mija tnejn u tletin Dollaru Amerikan u tminja u sittin centezmi ($18,332.68) ekwivalenti ghal sittax -il elf, seba mija u tnejn u sittin Ewro u seba centezmi (€16,762.07) skont ir-rata tal-kambju tal-4 ta' Settembru 2015 u dana oltre l-imghaxxijiet kummercjali mll-25 ta' Settembru 20l5 sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

*3. Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti nomine s-somma ta' tmintax -il elf tlett mija tnejn u tletin Dollaru Amerikan u tminja u sittin centezmi ($18,332.68) ekwivalenti ghal sittax -il elf, seba mija u tnejn u sittin Ewro u seba centezmi (€16,762.07) skont ir-rata tal-kambju tal 4 ta' Settembru 2015 u dana oltre l-imghaxxijiet kummercjali mil-25 ta' Settembru 2015 sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

*Bl-ispejjez kollha, inkluzi l-ispejjez relatati ma' l-arrest tal-bastiment u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-istess socjeta' intimata, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni."*

Rat id-digriet tal-1 t'Ottubru, 2015 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal nhar il-l-Erbgha 21 t'Ottubru, 2015 fis-12.45pm;

Rat illi s-socjeta' intimata giet debitament notifikata bir-rikors guramentat, d-digriet ta' din il-Qorti u l-avviz tas-smiegh skond il-ligi;

Rat illi s-socjeta' intimata jew rapprezentant taghha ma deherx fil-21 t'Ottubru, 2015;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi jirrizulta mill-provi prodotti mis-socjeta' attrici u mix-xhieda ta' l-Av Jean-Pie Gauci-Maistre debitament awtorizzat skond prokura separata DOK GSA 18, illi l-istess socjeta' attrici kienet pprovdiet kwantita' ta' provizzjoni ta' ikel, materjal, provvisti u

necessitajiet ghat-thaddim, immaniggar, zamma u manutenzjoni tal-bastiment kif jirrizulta minn Fol 5 sa Fol 21.

Minkejja li s-socjeta' intimata kienet moghtija tletin gurnata kreditu mid-data tas-servizz moghti lilha, xorta wahda ma hallsitx dak dovut.

Il-Qorti rat illi s-socjeta' intimata, debitament notfikata fis-7 t'Ottubru 2015, ma qanqlet ebda kontestazzjoni, u baqghet ma dehret ghall-ebda udjenza tal-Qorti.

Il-Qorti qieset illi ma jeszistix ostakolo ghal-ghotja tas-sentenza.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici fis-sens li :

1. Tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u takkorda sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-Artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara lis-socjeta' intimata debitrici tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' sittax-il elf u seba' mija u tnejn u sittin ewro u seba' centezmi (€16,762.07), liema ammont jirrapprezenta bilanc ta' prezz ghal servizzi rezi lis-socjeta' intimata mis-socjeta' rikorrenti fuq inkarigu tal-istess socjeta' intimata;

3. Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti is-somma ta' sittax-il elf u seba' mija u tnejn u sittin ewro u seba' centezmi (€16.762.07).

Bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez relatati ma' l-arrest tal-bastiment u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**